## MILIED

*Ta'* C. CASSAR

Hena ma' kullimkien, ucuh ferħana
Tiżjin ta' dwien, u xnixxel imdendlin.
Iferfru l-qlub fost ħelu kant ta' għana.
Dija ta' arja taħt is-sema nir.
Kwiekeb iteptpu bħal għajnejn ċkejknin,
Tpespis fil-ġonna seħer u titjir.
Ilħna jinstemgħu donnhom qtar ta' xita
Nieżla ġo qlubna ma nafux mnejn.
Tisrieħ ir-ruħ u ssir aktar b'saħħitha.
L-anġli neżlin mis-sema fost id-dija
L-aħbar ixerrdu ma' l-erbat irjieħ
Aħbar ta' ferħ, ta' paċi u thennija.
M'hemmx nisel u ieħor, irġiel u tfal.
Kulħadd jistenna nofs il-lejl idoqq
Sabiex jitwettaq kull ma kien intqal.
Fil-knejjes kollha l-qniepen għalenija
Jinfexxu f'mota tidwi sa kull rokna;
Taqbeż bil-ferħ il-ġemgħa bħal tarbija.
Il-ġnus iwaqqfu l-ġlied, għax f'dak il-ħin
Tinfirex ħemda ta' serħan fil-qlub
Xħin jitwieled mill-ġdid Ġesù Bambin.

## TELEFONATA . . . . .

### WAHDI

*Ta'* ĠUŻI ABELA

Jien biss hawn waħdi mal-kolonna kiesħa
għalxejn stennejt u għarrixt fil-għodu kmieni,
għalxejn stennejt 'il min ħabbejt u nsieni...
u sfajt mingħajr ħabib.

Jien biss hawn waħdi fil-kappella siekta...
Le, mhux għalxejn stennejt wara li nsejtu
lil min kien ħabbni qabel ma ħabbejtu:
Ġesù l-ikbar ħabib.

*Melbourne.*

* * *



### WAHDEK?

*Ta'* UGO MALLIA

Tnikkitt x'ħin smajt li domt tistenna waħdek
lil min kien qal li ġej u mbagħ'd ma ġiex
u xtaqtu għadu magħna ż-żmien ta' dari
biex niġik fis ħalli ma tistennix;

Iżda hawn il-bogħod...! 'Mma jekk Ġesù ħabibek,
Ġesù ħabibi wkoll... La jafna t-tnejn,
dħalt ngħidlu biex jiġik sabiex tissabbar;
fis-sikta tal-kappella smajtu xejn?!?

*Malta.*

## KRONAKA TAL-GHAQDA

Għandna l-pjaċir inħabbru illi s-Sur Ġużè Chetcuti ġie maħtur bħala Surmast tal-Malti fil-Liċeo. Il-ħatra tiegħu, bħala Surmast permanenti, kienet ilha mistennija wara karriera ta' tagħlim, l-ewwelnett fl-Iskejjel Elementari, mis-sena 1936, imbagħad bħala 'Visiting Teacher' f'dawn l-aħħar snin fil-Liċeo.

Il-mertu ta' Ġużè Chetcuti fil-kamp letterarju Malti huwa magħruf biżżejjed għall-versi liriċi u studji kritiċi tiegħu. Huwa magħruf bħala wieħed mill-aqwa poeti fost il-poeti żgħażagħ; awtur tal-kotba: "Poeżiji" (1945), u "Melita Invicta" (1945). Huwa msemmi wkoll għall-esperjenza kbira tiegħu fit-tagħlim tal-Malti lil bosta kandidati għall-eżamijiet tal-Matrikola u eżamijiet oħra.

Bħala wieħed mill-membri qodma u ex-Segretarju tal-Għaqda aħna nifirħulu bil-qalb u nixtiqulu riżq fil-pożizzjoni ġdida li laħaq fiha.

* * *

Għandna l-pjaċir nifirħu wkoll lir-Reverendu Patri Dijonisju Mintoff, O.F.M., li dan l-aħħar ġie maħtur ukoll bħala Surmast tal-Malti u Direttur Spiritwali ta' l-Iskola Teknika tal-Gvern.

Patri Mintoff huwa Membru Akkademiku tal-Għaqda, u s'issa tana xhieda qawwija biżżejjed tal-ħila tiegħu bħala kittieb Malti u tal-ħidma tiegħu fil-kamp letterarju għall-progress ta' l-Ilsienna.